2026/509

23.4.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/509

tat-23 ta' April 2026

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi biex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa li għadha għaddejja u qed teskala kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 37 persuna u 80 entità responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. RAOUNA

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1986.	Andrey Vladimirovich POLYAKOV bir-Russu: Андрей Владимирович ПОЛЯКОВ	Funzjoni: Direttur tal-Federal State Budgetary Institution of Science 'Institute for the History of Material Culture of the Russian Academy of Science (IHMC RAS)' Data tat-twelid: 6.8.1974 Post tat-Twelid: Leningrad, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel Numru tat-taxxa: 781407568543	Andrey Polyakov huwa d-Direttur tal-Federal State Budgetary Institution of Science Institute for the History of Material Culture of the Russian Academy of Science (RAS). Bejn l-2014 u l-2023, taħt it-tmexxija ta' Polyakov, l-IHMC RAS kien involut sistematikament fi skavi arkeoloġiċi tul it-territorju tal-Krimea okkupat mir-Russja. L-istitut irċieva aktar minn 20 permess għall-iskavi – hekk imsejħa 'ittri miftuħa', mill-Ministeru għall-Kultura tal-Federazzjoni Russa, li jissorvelja ċentralment u jawtorizza kull attività bħal din fil-Krimea f'koordinazzjoni ma' istituzzjonijiet statali oħra. L-iskavi saru mingħajr il-kunsens tal-Ukrajna, li għandha s-sovranità rikonoxxuta fuq livell internazzjonali fuq il-peniżola. Andrey Polyakov appoġġa pubblikament ir-rwol kontinwu tal-Istitut fit-territorju okkupat, u stqarr li x-xogħol fi Chersonesos u f'żoni oħra għadu għaddej u jagħmel parti minn aġenda aktar ġenerali magħmula minn aktar minn 40 skavi ppjanati għall-2024. It-tmexxija tiegħu tal-IHMC RAS mhux biss ippermettiet dawn l-iskavi illegali iżda kkontribwiet ukoll għall-approprjazzjoni kulturali u n-normalizzazzjoni istituzzjonali tal-preżenza Russa fil-Krimea. Andrey Polyakov jappoġġa l-politiki tal-Federazzjoni Russa li għandhom l-għan li jikkonsolidaw l-okkupazzjoni tagħha tal-Krimea. Għalhekk, Andrey Polyakov qed jappoġġa politiki li jimminaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1987.	Aleksandr Andreyevich ZHDANOV magħruf ukoll bħala Alexander Andreyevich ZHDANOV bir-Russu: Александр Андреевич ЖДАНОВ	Funzjoni: Soċju akkomandanti fi UrSeCo Handels GmbH & Co. KG. Data tat-twelid: 24.11.1958 Sess: raġel	Aleksandr Andreyevich Zhdanov huwa soċju akkomandanti fi UrSeCo Handels GmbH & Co. KG, kumpanija Ġermaniża li tforni klorur tal-idroġenu (HCl) ta' purità għolja prodott minn Wacker Chemie AG, sustanza kimika kritika għall-ipproċessar ta' wafers semikondutturi, lil LLP 'United Trading Group' (il-Każakistan). Il-fundatur ta' LLP 'United Trading Group', Alimzhan Bekov, huwa wkoll rappreżentant ta' UrSeCo Handels GmbH & Co. KG. 'United Trading Group' imbagħad tforni HCl lill-kumpanija Russa LLC 'Siltron'. Aleksandr Andreyevich Zhdanov huwa missier Alexander Zhdanov, l-azzjonist maġġoritarju ta' LLC 'Siltron'. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 833/2014, huwa pprojbit għal operaturi tal-Unjoni li jesportaw l-HCl lil entità fir-Russja. Permezz tal-interessi finanzjarji tiegħu fi UrSeCo Handels u l-konnessjoni familjali tiegħu ma' Aleksandr Zhdanov li huwa l-azzjonist maġġoritarju ta' LLC 'Siltron', Aleksandr Andreyevich Zhdanov jieħu sehem f'attivitajiet li jevitaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni, b'mod speċifiku l-Artikolu 3k (1) tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Għalhekk, Aleksandr Andreyevich Zhdanov qed jiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 u tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1988.	Nikolay Andreevich MAKAROV bir-Russu: Николай Андреевич МАКАРОВ	Funzjoni: Direttur tal-Federal State Budgetary Institution of Science 'Institute of Archaeology of the Russian Academy of Sciences' (IA RAS); Viċi-President tar-Russian Academy of Sciences Data tat-twelid: 22.12.1955 Post tat-Twelid: Moscow, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tat-taxxa: 770300190130	Nikolai Makarov huwa d-Direttur tal-Federal State Budgetary Institution of Science 'Institute of Archaeology of the Russian Academy of Sciences' (IA RAS) iffinanzjat mill-istat u Viċi-President tar-Russian Academy of Sciences. Huwa responsabbli għall-operazzjonijiet xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi tal-IA RAS, inkluż l-iżvilupp strateġiku u l-politika dwar il-ħidma fuq il-post tiegħu. Taħt it-tmexxija tiegħu, l-IA RAS sar attur ċentrali fl-isfruttament arkeoloġiku dirett mill-istat tal-Peniżola tal-Krimea mir-Russja. Għalhekk, Nikolai Makarov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.4.2026
1989.	Sergey Gennadievich OBRYVALIN Сергей Геннадиевич ОБРЫВАЛИН	Funzjoni: L-Ewwel Viċi Ministru għall-Kultura tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 9.10.1975 Post tat-Twelid: Moscow, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergei Obryvalin huwa l-Ewwel Viċi Ministru għall-Kultura tal-Federazzjoni Russa. Huwa jissorvelja dipartimenti ċentrali fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, inkluż id-Dipartiment tal-Protezzjoni Statali tal-Wirt Kulturali, is-sorveljanza tal-mużewijiet, u s-Soċjetà Storika Militari tar-Russja. Dawn id-dipartimenti huma involuti direttament fil-qbid tal-proprjetà kulturali Ukrena u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tagħha bħala Russa. Sergei Obryvalin iffirma permessi, magħrufa bħala 'ittri miftuħa', li jawtorizzaw lil xjenzjati Russi iwettqu skavi arkeoloġiċi fil-Krimea. Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Kultura tal-Federazzjoni Russa flimkien mal-korpi governattivi illeġittimi tat-territorji okkupati tal-Ukrajna, qed jippromwovi inizjattivi kulturali fit-territorji okkupati u Sergei Gennadievich Obryvalin qed jieħu sehem attiv f'dan il-proċess. Għalhekk, Sergei Obryvalin qed jappoġġa u jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1990.	Mikhail Borisovich PIOTROVSKY magħruf ukoll bħala Mikhail Borisovich PIOTROVSKII	Funzjoni: Direttur ta' State Hermitage Museum Data tat-twelid: 9.12.1944 Post tat-Twelid: Yerevan, Armenian SSR, USSR (issa Armenia) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Mikhail Piotrovsky ilu ż-żmien id-Direttur ta' State Hermitage Museum u kollaboratur mill-qrib ta' Vladimir Putin, hu appoġġa attivament u ġġustifika fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa appoġġa pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li xebbah id-disseminazzjoni tal-kultura Russa mal-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali', b'allużjoni diretta għall-invażjoni. Mikhail Piotrovsky appoġġa l-leġiżlazzjoni Russa li tippermetti l-inkorporazzjoni ta' oġġetti kulturali minn mużewijiet Ukreni fil-Fond tal-mużewijiet statali Russu. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Hermitage wettaq skavi arkeoloġiċi mhux awtorizzati fil-Krimea okkupata, inkluż il-qerda ta' siti ta' wirt kulturali protetti tal-Ukrajna, b'hekk ikkontribwixxa għall-għan tal-Kremlin li r-rivendikazzjonijiet territorjali tiegħu jsiru leġittimi bl-iskuża ta' ħidma akkademika. Għalhekk, Mikhail Piotrovsky qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1991.	Alimzhan Kuantaevich BEKOV bir-Russu: Алимжан Куантаевич БЕКОВ	Funzjoni: Fundatur u Direttur ta' LLP 'United Trading Group'; Rappreżentant ta' UrSeCo Handels GmbH & Co. KG; Maniġer Superjuri ta' LLP KazRosGas. Sess: raġel	Alimzhan Bekov huwa l-fundatur u d-Direttur ta' LLP 'United Trading Group', kumpanija b'sede fil-Każakistan. Huwa wkoll rappreżentant ta' UrSeCo Handels GmbH & Co. KG. Il-kumpanija Ġermaniża UrSeCo Handels GmbH & Co. KG, qed tforni klorur tal-idroġenu (HCl) ta' purità għolja prodott minn Wacker Chemie AG – sustanza kimika kritika għall-ipproċessar ta' wafers semikondutturi – lil LLP 'United Trading Group' (il-Każakistan). 'United Trading Group' imbagħad qed tforni HCl lill-kumpaniji Russi LLC 'Siltron' u Electronsnab. Il-katina ta' provvista tgħaddi mill-Polonja, it-Turkija u l-Każakistan. LLC 'Siltron' hija marbuta direttament ma' UrSeCo Handels billi wieħed mis-sħab fi UrSeCo huwa missier l-azzjonist maġġoritarju ta' LLC 'Siltron'. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 833/2014, huwa pprojbit għal operaturi tal-Unjoni li jesportaw HCl lil entità fir-Russja. Għalhekk, Alimzhan Bekov qed jiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 u tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1992.	Aleksey Viktorovich RTISHCHEV magħruf ukoll bħala Aleksey Viktorovich RTISHCHEV magħruf ukoll bħala Alexei Viktorovich RTISHCHEV magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich RTISHCHEV	Funzjoni: Kap tar-Radiological, Chemical and Biological Defence Troops of Russia (The 35th Guards Radiation, Chemical and Biological Protection Regiment) Post tat-Twelid: RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksey Rtishchev huwa l-Kap tar-Radiological, Chemical and Biological Defence Troops, unità li tagħmel parti mill-Ministeru għad-Difiża Russu. Ir-Radiological, Chemical and Biological Troops jużaw sistematikament armi kimiċi kontra l-Ukrajna bħala parti minn strateġija Russa aktar ġenerali biex tiddgħajjef u tiġi destabbilizzata l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksey Rtishchev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.4.2026
1993.	Andrei Viktorovich MARCHENKO	Funzjoni: Viċi Kap tar-Radiological, Chemical and Biological Defence Troops of Russia (the 35th Guards Radiation, Chemical and Biological Protection Regiment) Data tat-twelid: 11.12.1968 Post tat-Twelid: RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Marchenko huwa l-Viċi Kap tar-Radiological, Chemical and Biological Defence Troops, unità li tagħmel parti mill-Ministeru għad-Difiża Russu. Ir-Radiological, Chemical and Biological Defence Troops jużaw sistematikament armi kimiċi kontra l-Ukrajna bħala parti minn strateġija Russa aktar ġenerali biex tiddgħajjef u tiġi destabbilizzata l-Ukrajna. Għalhekk, Andrei Marchenko qed jappoġġa azzjonijiet u jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1994.	Olga Mikhailovna SOKOLOVA bir-Russu: Ольга Михайловна СОКОЛОВА	Funzjoni: Maniġer ġenerali ta' LLC 'UAMOC' Data tat-twelid: 3.1.1976 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-dentifikazzjoni tat-Taxxa: 500905260513	Olga Sokolova hija l-maniġer ġenerali ta' LLC 'UAMOC' kumpanija b'sede fir-Russja li tipproduċi droni b'pilotaġġ immersiv (FPV) għall-Forzi Armati Russi. Il-kumpanija twaqqfet wara l-bidu tal-gwerra fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna u espandiet malajr il-produzzjoni tagħha. LLC UAMOC tipproduċi droni FPV 'Kort', 'Brus-1', 'Osa' u 'Boomerang', li jintużaw fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Nediet ukoll faċilità ta' produzzjoni u ttestjar f'Luhansk u Sevastopol okkupati illegalment. Barra minn hekk, LLC 'UAMOC' akkwistat sehem maġġoritarju ta' kumpaniji oħra li jimmanifatturaw id-droni, bħal LLC KB 'ATAMANOVA' u LLC 'RBS HARPIA'. Għalhekk, Olga Sokolova hija responsabbli għal politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija tagħmel parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.4.2026
1995.	Dmitry Alexandrovich MALYUTA	Funzjoni: Negozjant; Kap u fundatur ta' LLC 'Aleksinskiye Kraski - Ural' u LLC 'Bina Invest' Data tat-twelid: 16.3.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Alexandrovich Malyuta huwa negozjant Russu, li għandu ishma fi LLC Bina Invest u permezz tal-proprjetà ta' dawn l-ishma jikkontrolla diversi kumpaniji, li huma involuti fl-importazzjoni ta' polpa tal-qoton mill-Każakistan u mill-Użbekistan għall-fabbriki tal-porvli Russi. Il-materjali importati jintużaw f'firxa wiesgħa ta' prodotti militari, inkluż munizzjon. Malyuta għandu wkoll ishma fi LLC Aleksinskiye Kraski – Ural li tittrasporta oġġetti lejn fabbriki tal-porvli Russi. Għalhekk, Dmitry Alexandrovich Malyuta qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, qed jibbenefika wkoll mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi qed ikun involut fil-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1996.	Denis Gennadievich SHISHKIN bir-Russu: Денис Геннадьевич ШИШКИН	Funzjoni: Negozjant Russu; Fundatur ta' LLC 'Aleksinskiye Kraski - Ural' u LLC 'Bina Invest' Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Denis Gennadievich Shishkin huwa negozjant Russu, li għandu ishma fi LLC Bina Invest u permezz tal-proprjetà ta' dawn l-ishma jikkontrolla diversi kumpaniji, li huma involuti fl-importazzjoni ta' polpa tal-qoton mill-Każakistan u mill-Użbekistan għall-fabbriki tal-porvli Russi. Il-materjali importati jintużaw f'firxa wiesgħa ta' prodotti militari, inkluż munizzjon. Shishkin għandu wkoll ishma fi LLC Aleksinskiye kraski - Ural li tittrasporta oġġetti lejn fabbriki tal-porvli Russi. Għalhekk, Denis Gennadievich Shishkin qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Qed jappoġġa wkoll il-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi qed ikun involut fil-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026
1997.	Vladimir Evgenievych AVETISYAN magħruf ukoll bħala Vladimir Jevgeněvič AVETISJAN bir-Russu: Владимир Евгеньевич АВЕТИСЯН	Funzjoni: Azzjonist maġġoritarju fi u sid benefiċjarju ta' Srednevolzhskaya gazovaya kompaniya u Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti 'Samaraenergo'; Membru tal-Union for mechanical engineers of Russia Data tat-twelid: 2.4.1958 Post tat-Twelid: Novokuybyshevsk, Kuybyshevskaya Oblast, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 631900874344	Vladimir Evgenievych Avetisyan huwa azzjonist maġġoritarju fi u sid benefiċjarju ta' diversi kumpaniji b'interessi kummerċjali f'diversi setturi tal-ekonomija Russa u, b'mod partikolari, bħas-settur bankarju u, b'mod partikolari, dak tal-enerġija. Huwa azzjonist maġġoritarju u s-sid aħħari ta' 'Strednevolzhskaya gazovaya kompaniya', fornitur tad-distribuzzjoni tal-gass permezz tal-mejns, li jokkupa t-12-il post tal-ogħla dħul f'dan is-settur fuq is-suq Russu, u azzjonist maġġoritarju u sid aħħari tal-Public Joint-Stock Company 'Samaraenergo', produttur u distributur ewlieni tal-enerġija elettrika. Huwa wkoll azzjonist maġġoritarju fi u s-sid aħħari ta' kumpanija oħra attiva fid-distribuzzjoni tal-elettriku 'Samaragaz' u azzjonist minoritarju fil-kumpanija tat-trażmissjoni tal-elettriku 'Samarskaya elektrosetevaya kompaniya'. Finalment, huwa azzjonist minoritarju fi u membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Joint Stock Company 'Gazbank', li hija attiva fis-settur bankarju. Għalhekk Vladimir Evgenievych Avetisyan huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna u huwa wkoll negozjant ewlieni li jopera fir-Russja.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1998.	Maksim YERMAKOV magħruf ukoll bħala Maxim ERMAKOV magħruf ukoll bħala Maksim Yuryevich ERMAKOV	Funzjoni: Direttur tax-Xiri, Direttur Eżekuttiv u CEO ta' LLC TC 'Fly Bridge' Data tat-twelid: 16.3.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maksim Yermakov huwa s-CEO, d-Direttur Eżekuttiv u d-Direttur tax-Xiri ta' FLY BRIDGE, importatur tal-elettronika elenkata mill-Unjoni billi tagħmel parti minn skema ta' loġistika stabbilita għall-konsenja predominanti ta' teknoloġija tal-UE (mikroċipep) lil ISTOK li tagħmel parti u mill-kumpless militari industrijali Russu li jimmanifattura tagħmir li jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, Maksim Yermakov hija involut f'network ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi li għandu l-għan li jikseb teknoloġija b'użu doppju mill-Unjoni u jgħaddiha lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Maksim Yermakov qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Minbarra dan, huwa qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' FLY BRIDGE.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1999.	Fedor Aleksandrovich CHUDINOV Фёдор Александрович ЧУДИНОВ	Funzjoni: Bokser professjonali Russu; Membru tar-Russian Boxing Federation's Council of Champions; Membru tal-All-Russian Political Party 'United Russia'; Membru tal-Council of Deputies of the Serpukhov City District of Moscow region Data tat-twelid: 15.9.1987 Post tat-Twelid: Bratsk, Irkutsk region, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 504307767424	Fedor Chudinov huwa eks bokser, membru tal-All-Russian Political Party 'United Russia' favur Putin u Membru tal-Council of Deputies of the Serpukhov City District of Moscow region. Huwa ambaxxatur tal-All-Russian Public Movement for the Promotion of Patriotic and Sports Education of Citizens 'Healthy Fatherland', li jopera wkoll fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna. Fedor Chudinov jipparteċipa f'avvenimenti favur ir-Russja u favur il-militar għal tfal u żgħażagħ fir-Russja u t-territorji okkupati temporanji tal-Ukrajna. Għandu rabtiet mal-All-Russian motorcycle club 'Nightwolves' li ġie soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni talli jappoġġa l-gwerra kontra l-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Għalhekk, Fedor Chudinov qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2000.	Ilya Viktorovich SCHERBOVICH bir-Russu: Илья Викторович ЩЕРБОВИЧ	Funzjoni: Kap tal-United Capital Partners Investment Group Data tat-twelid: 23.12.1974 Post tat-Twelid: Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 332700979110	Ilya Scherbovich huwa l-fondatur u l-kap tal-United Capital Partners Investment Group, grupp ta' investiment finanzjaju kbir Russu, b'investimenti fil-produzzjoni u l-ipproċessar ta' żejt u gass. B'mod partikolari, flimkien mal-kumpanija taż-żejt tal-Istat Russu Rosneft, United Capital Partners Investment Group huwa d-detentur ta' parti sinifikanti f'kumpanija Indjana li tħaddem raffinerija taż-żejt u huwa soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Din il-kumpanija hija raffinerija ewlenija ta' żejt mhux maħdum Russu. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, Ilya Scherbovich huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026
2001.	Anton Sergeevich ANISIMOV bir-Russu: Антон Сергеевич АНИСИМОВ	Funzjoni: Viċi Kap Editur tar-Russia Today; Kap tal-International Broadcasting of Sputnik News Agency and Radio; Kap Editur ta' Sputnik News Agency and Radio Data tat-twelid: 19.2.1985 Post tat-Twelid: Syktyvkar, Komi Republic, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Anton Anisimov huwa personalità prominenti fil-media internazzjonali kkontrollata mill-istat. Huwa Viċi Kap Editur tar-Russia Today, il-Kap tal-International Broadcasting of Sputnik News Agency and Radio, u l-Kap Editur tal-Sputnik News Agency and Radio. Fir-rwoli tiegħu fi Sputnik u Russia Today, Anton Anisimov huwa responsabbli għat-tixrid ta' diżinformazzjoni relatata mal-Ukrajna u għall-promozzjoni ta' narrattivi foloz favur il-Kremlin dwar l-invażjoni tal-Ukrajna. Għalhekk, Anton Anisimov qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2002.	Andrey Yuryevich MOLCHANOV bir-Russu: Андрей Юрьевич МОЛЧАНОВ	Data tat-twelid: 24.9.1971 Post tat-twelid: Saint Petersburg, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780100027119	Andrey Molchanov huwa negozjant ewlieni Russu u membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin 'United Russia'. Huwa azzjonist importanti fi u l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-LSR Group, kumpanija tal-proprjetà immobbli u l-akbar produttur ta' materjali tal-kostruzzjoni fir-Russja. Fl-2024, id-dħul tal-Grupp LSR ammonta għal 239 biljun rublu. Is-settur tal-kostruzzjoni jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Andrey Molchanov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026
2003.	Igor Petrovich SOLONIN Игорь Петрович СОЛОНИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Mariupol Republican Order of the Badge of Honour Russian Drama Theatre Data tat-twelid: 21.6.1978 Post tat-twelid: Donetsk, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel NIT: 614011185787	Igor Solonin huwa d-Direttur Ġenerali tal-Mariupol Republican Order of the Badge of Honour Russian Drama Theatre (MRDT). Fl-2022, il-Mariupol Drama Theatre ġie bbumbardjat mill-forzi Russi, u aktar tard restawrat, mogħti isem ġdid, riorganizzat u finanzjat bl-għajnuna tal-istituzzjonijiet Russi. Dan it-teatru ma jintużax biss biex ixerred il-kultura Russa fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, iżda wkoll biex jistabbilixxi n-narrattiva propagandistika li dan it-teatru nqered min-Nazzisti Ukreni. Bħala d-Direttur Ġenerali, Igor Solonin jipparteċipa attivament fl-attivitajiet tat-teatru u biex jattira finanzjament minn rappreżentanti tal-gvern maħtura mir-Russja fir-reġjun okkupat ta' Donetsk. Għalhekk, fir-rwol tiegħu Igor Solonin qed jappoġġa lil u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2004.	Timur Ildarovich YUNUSOV bir-Russu: Тимур Ільдарович ЮНУСОВ magħruf ukoll bħala Timati magħruf ukoll bħala Timati Ildarovich YUNUSOV magħruf ukoll bħala Тимати Ильдарович ЮНУСОВ bl-Ukren: Тимур Ільдарович ЮНУСОВ magħruf ukoll bħala Тіматі Ільдарович ЮНУСОВ	Funzjoni: Kantant u intraprenditur Data tat-twelid: 15.8.1983 Post tat-Twelid: Moscow, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel NIT: 770965076149	Timur Yunusov huwa kantant u intraprenditur Russu. Huwa jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna billi jxerred narrattivi ta' propoganda tal-Kremlin u simboli tal-hekk imsejħa 'operazzjoni militari speċjali' u jiddikjara li jinsab lest biex jiġġieled personalment kontra l-Ukrajna. Huwa appoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u kanta waqt il-manifestazzjoni ta' propaganda 'For a world without Nazism! For Russia! For the President', li saret fit-18 ta' Marzu 2022, fl-Istadju ta' Luzhniki. Huwa pparteċipa f'diversi avvenimenti fil-Krimea wara l-annessjoni illegali, bħall-kunċert li ċċelebra 'l-hames anniversarju tar-riunifikazzjoni tal-Krimea mar-Russja' f'Simferopol. Timur Yunusov esprima appoġġ għall-kandidatura ta' Vladimir Putin fl-elezzjonijiet presidenzjali u pparteċipa fil-kampanji elettorali tiegħu. Huwa kien wieħed mir-rappreżentanti ta' fiduċja ta' Vladimir Putin waqt il-kampanji presidenzjali tiegħu. Għalhekk, Timur Yunusov qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2005.	Oleg Yuryevich KOSOLAPOV bir-Russu: Олег Юрьевич КОСОЛАПОВ magħruf ukoll bħala Oleg Jurijevič KOSOLAPOV	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Complex Unmanned Solutions Center Ltd, Direttur ta' tagħmir radjuelettroniku abbord f'Russian Helicopters Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 645001842561	Oleg Kosolapov huwa d-Direttur Ġenerali ta' Complex Unmanned Solutions Center Ltd (USC). USC hija attiva tul iċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni u tal-adattament ta' sistemi ta' viżwalizzazzjoni fl-ewwel persuna (FPV) għall-użu fil-ġlied. Tipproduċi apparati finali u tagħmir fuq l-art u tħarreġ lil persunal biex jippilota u juża b'mod effettiv is-sistemi FPV. USC tforni vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) lill-Forzi Armati Russi li jużawhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, Oleg Kosolapov huwa d-direttur ta' tagħmir radjuelettroniku abbord f'Russian Helicopters, kumpanija li tipproduċi ħelikopters militari użati mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Yuryevich Kosolapov qed jappoġġa azzjonijiet li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment il-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/509/oj

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2006.	Timur Nailevich SHAGIVALEEV magħruf ukoll bħala Timur Najlevič ŠAGIVALEJEV bir-Russu: Тимур Наилевич ШАГИВАЛЕЕВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' OEZ IPT Alabuga Data tat-twelid: 28.1.1978 Post tat-Twelid: Kazan, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 165503987841 Nru tal-passaport: 753129173	Timur Shagivaleev huwa d-Direttur Ġenerali tal-Kumpanija b'Ishma Konġunti 'Alabuga Special Economic Zone of Industrial and Production Type' ('JSC Alabuga'). SC Alabuga hija responsabbli għaż-Żona Ekonomika Speċjali (SEZ) fil-Federazzjoni Russa (Tatarstan) li ġiet stabbilita fl-2006 u saret waħda mill-akbar siti ta' produzzjoni tal-vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) ta' attakk unidirezzjonali Shahed/Geran-2. Alabuga SEZ tospita faċilitajiet ta' manifattura inkluż SuperCam, JSC Albatros, JSC Aviatest Aero li jassemblaw UAVs. Dawk il-faċilitajiet huma parti minn programm Russu appoġġat mill-Istat u ġew stabbiliti b'assistenza mill-Iran fit-taħriġ tal-persunal u l-provvista ta' materjal sabiex jiġu assemblati droni militari għall-użu fil-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UAVs (Shaheds/Gerans) prodotti fis-SEZ jintużaw mill-armata Russa fl-Ukrajna. Għalhekk, JSC 'Alabuga' hija assoċjata ma' JSC Albatros, JSC Aviates Aero u SuperCam Unmanned Systems Group. Barra minn hekk, Timur Shagivaleev huwa involut ukoll fil-ġestjoni tal-Alabuga Start u l-programmi Alabuga Polytech, li jintużaw biex jattiraw ħaddiema, inkluż minn pajjiżi terzi, għall-faċilitajiet ta' produzzjoni tal-UAV. Minħabba n-natura tal-pożizzjoni tiegħu bħala Direttur Ġenerali tal-JSC Alabuga, Timur Shagivaleev huwa assoċjat ma' JSC Albatros, JSC Aviates Aero u SuperCam Unmanned Systems Group u għalhekk qed jappoġġa l-produzzjoni ta' Shahed/Geran-2 UAVs, li qed jintużaw fuq skala kbira fil-gwerra ta' aggressjoni illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Timur Nailevich Shagivaleev qed jappoġġa materjalement il-kumpless militari u industrijali tar-Russja inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2007.	Sergey Stepanovich SAKHNENKO magħruf ukoll bħala Sergei Stepanovich SAKHNENKO magħruf ukoll bħala Sergej Stěpanovič SACHNĚNKO Сергей Степанович САХНЕНКО	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-JSC United Instrument Manufacturing Corporation, membru tal-League for Assistance to Defence Enterprises Data tat-twelid: 1.10.1972 Post tat-Twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772851986589	Sergey Sakhnenko huwa d-Direttur Ġenerali tal-kumpanija azzjonarja JSC United Instrument Manufacturing Corporation, sussidjarja ta' Rostec. Il-kumpanija timmanifattura apparati u provvisti radjuelettroniċi militari tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. JSC United Instrument Manufacturing Corporation tikkontrolla bosta għexieren ta' intrapriżi li jipproduċu tagħmir militari li jintuża mill-Forzi Armati tar-Russja waqt il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Sergey Sakhnenko huwa wkoll membru tal-Bureau of League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa. Għalhekk, Sergey Sakhnenko qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2008.	Vladimir Nikolaevich LEPIN magħruf ukoll bħala Vladimir Nikolajevič LEPIN bir-Russu: Владимир Николаевич ЛЕПИН	Funzjoni: Disinjatur ġenerali ta' JSC Kalashnikov Concern, membru tal-Bureau tal-League for Assistance to Defense Enterprises Data tat-twelid: 28.7.1959 Post tat-Twelid: Tambov, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Lepin huwa d-disinjatur ġenerali ta' JSC Kalashnikov Concern, kumpanija elenkata mill-Unjoni u żviluppatur u manifattur Russu ta' tagħmir militari, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. JSC Kalashnikov Concern hija kkontrollata direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn Kalashnikov Concern jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Vladimir Lepin huwa wkoll membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa. Huwa wkoll membru tal-Board of the Military-Industrial Commission tal-Federazzjoni Russa, u membru tal-Academy of Rocket and Missile Systems tar-Russja. Għalhekk, Vladimir Lepin qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2009.	Vladimir Petrovich KAPYSH bir-Russu: Владимир Петрович КАПЫШ magħruf ukoll bħala Vladimir Petrovič KAPYŠ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Siber AO; Membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defense Enterprises Data tat-twelid: 15.11.1961 Post tat-Twelid: Terney, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 253603005555	Vladimir Kapysh huwa d-Direttur Ġenerali ta' Siber AO, li hija parti minn Rostec. Siber AO tipprovdi servizzi ta' sigurtà għal kumpaniji militari u industrijali strateġiċi Russi, inkluż JSC Uralvagonzavod Concern, JSC Shvabe, JSC High-Precision Systems Research and Production Association, JSC Spetskhimiya, JSC NPK Tekhmash, JSC Izhevsk Mechanical Plant, JSC Kalashnikov Concern, JSC KBAL u Rostec. Siber AO tikkopera wkoll mas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB) fl-evalwazzjoni tal-eliġibbiltà tal-organizzazzjonijiet għall-kisba tal-liċenzji mill-FSB għal ħidma li tinvolvi l-użu ta' sigrieti tal-istat. Vladimir Kapysh huwa wkoll membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa. Għalhekk, Vladimir Kapysh qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/509/oj

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2010.	Azret Yuspovich BEKKIEV bir-Russu: Азрет Юсупович БЕККИЕВ magħruf ukoll bħala Azret Jusupovič BEKKIEV	Funzjoni: L-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali tal-OPK JSC,membru tal-League for Assistance to Defence Enterprises Data tat-twelid: 18.4.1952 Post tat-Twelid: Almaty, Kazakhstan Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Azret Bekkiev huwa l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali tal-JSC United Instrument Manufacturing Corporation ('OPK JSC'), kumpanija elenkata mill-Unjoni, u sussidjarja tar-Rostec, wieħed mill-fornituri militari ewlenin tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. OPK JSC tiffunzjona bħala kumpanija azzjonarja li topera taħt il-marka kummerċjali Rosel, u tipproduċi tagħmir militari li jintuża mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari sistemi ta' kontroll awtomatizzati. Azret Bekkiev huwa wkoll membru tal-Bureau of League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa. Għalhekk, Azret Bekkiev qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2011.	Igor Georgievich NASENKOV bir-Russu: Игорь Георгиевич НАСЕНКОВ magħruf ukoll bħala Igor Georgijevič NASENKOV	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-JSC Technodinamika, Viċi President tal-League for Assistance to Defense Enterprises; Membru tal-Bureau tal-League for Assistance to Defense Enterprises Data tat-twelid: 2.10.1975 Post tat-Twelid: Naberezhnye Chelny, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 165020330600	Igor Nasenkov huwa d-Direttur Ġenerali tal-JSC Technodinamika, kumpanija Russa sanzjonata mill-Unjoni. Timanifattura armi, munizzjon u prodotti tal-kimika u tal-avjazzjoni, inkluż għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Igor Nasenkov huwa wkoll il-Viċi President tal-League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa u membru tal-Bureau tagħha. Għalhekk, Igor Nasenkov qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2012.	Guerman GOUTOROV	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Streit Group FZE Sess: raġel	Guerman Goutorov huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Streit Group FZE, li hija kumpanija militari-industrijali, li tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' trasportaturi blindati tal-persunal. Streit Group FZE issieħbet ma' entitajiet militari-industrijali Russi. Għalhekk, Guerman Goutorov qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi jkun involut fil-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. Barra minn hekk, Guerman Goutorov huwa assoċjat ma' Streit Group FZE.	23.4.2026
2013.	Li XINYANG	Funzjoni: Direttur ta' Beijing Xichao International Technology and Trade Entitajiet assoċjati: JSC IEMZ Kupol; Beijing Xichao International Technology and Trade	Li Xinyang huwa d-direttur ta' Beijing Xichao International Technology and Trade, kumpanija bbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-kumpanija aġixxiet bħala intermedjarju bejn Xiamen Limbach Aviation Engine Co. u l-produttur tal-armi Russu JSC IEMZ Kupol, li t-tnejn li huma ġew elenkati mill-Unjoni. Permezz ta' għadd ta' kumpaniji faċċata, il-kumpanija forniet magni għal UAVs ta' attakk unidirezzjonali lil JSC IEMZ Kupol. Għalhekk, Li Xinyang qed jappoġġa lill-kumpless militari industrijali tar-Russja.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2014.	Anastasiya Aleksandrovna TARSHINOVA	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LIBBS LLC Numru tal-identità personali: 772370451301 Entitajiet assoċjati: JSC IEMZ Kupol; LIBSS LLC	Anastasiya Tarshinova hija d-Direttur Ġenerali ta' LIBBS LLC, kumpanija fi ħdan il-kumpless militari u industrijali Russu. Il-kumpanija aġixxiet bħala intermedjarju bejn JSC IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, u fornituri Ċiniżi li jimmanifatturaw droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-A1, li huma żviluppati u prodotti għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Anastasiya Tarshinova qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari industrijali tar-Russja.	23.4.2026
2015.	Oleg Igorevich OVCHARENKO; magħruf ukoll bħala Oleg Igorevič OVČARENKO; bir-Russu: Олег Игоревич ОВЧАРЕНКО	Funzjoni: President tal-Federation of Traditional Martial Arts of theRostov Region, President ta' MSPC 'Stavros'; Mexxej tal-programm tal-isport 'Young Vityaz' Data tat-twelid: 20.8.1969 Post tat-twelid: Taganrog, Rostov Region, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Russian Federation, Moscow, Baryshikha Street, Building 30, Apt. 182 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa (ИНН): 773388080811	Oleg Ovcharenko jmexxi l-programm militari-patrijottiku tal-isport 'Young Vityaz', li huwa bbażat fuq ir-rekwiżiti tal-Programm tal-Istat Russu 'Patriotic Education of Citizens of the Russian Federation for 2016–2020.' Taħt it-tmexxija tiegħu, tfal mir-reġjun okkupat ta' Luhansk jieħdu sehem ukoll fil-programm, li issa qed isir fil-kamp 'Krasny Desant' fir-Reġjun ta' Rostov tar-Russja. Fil-passat dan sar ukoll fil-Krimea. Bħala parti minn dan il-programm, il-minorenni jingħataw taħriġ militari strutturat, inkluż kif jintużaw l-armi, il-ħiliet fl-isparar, l-istruzzjoni tattika, il-ġlied bl-idejn, il-kompiti ta' sopravivenza, u t-tħaddim tad-droni. Jipparteċipaw ukoll f'logħob tattiku li jinvolvi missjonijiet ta' rikonjizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' 'kompiti ta' ġlied' ispirati mill-esperjenza tar-Russja fl-hekk imsejħa 'Operazzjoni Militari Speċjali'. Il-programm isir f'ambjent militarizzat strett, imsaħħaħ minn diskussjonijiet ċinematografiċi ta' propaganda u interazzjoni ta' kuljum ma' għalliema b'esperjenza militari, bl-għan li titrawwem il-lealtà lejn il-Federazzjoni Russa u l-minorenni jitħejjew għal servizz militari futur potenzjali. Għalhekk, Oleg Ovcharenko qed jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/509/oj

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2016.	Svetlana Vladimirovna DMITROVA magħrufa wkoll bħala Svetlana Volodymyrovna DMITROVA bir-Russu: Светлана Владимировна ДМИТРОВА magħrufa wkoll bħala Светлана Володимировна ДМИТРОВА	Funzjoni: Kap tad-Department of Education of the Administration of Simferopol District Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 910913280990	Svetlana Dmitrova ilha mill-inqas mill-2017 il-Kap tal-hekk imsejjaħ 'Department of Education of the Administration of Simferopol District' fil-Krimea okkupata. F'din il-kapaċità, hija tippromwovi b'mod attiv 'edukazzjoni militari-patrijottika' għall-minorenni fid-distrett ta' Simferopol, bil-għan li trawwem il-lealtà lejn il-Federazzjoni Russa. Hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm 'Youth of the Simferopol District' li għandu l-għan li jintegra lill-istudenti fi spazju kollu Russu. Barra minn hekk, hija tappoġġa u tipparteċipa f'avvenimenti li jiggloriikaw l-armata Russa u tħeġġeġ l-involviment taż-żgħażagħ fis-servizz militari futur. Taħt it-tmexxija tagħha, id-dipartiment tagħha kkoopera ma 'organizzazzjonijiet bħall-UNARMIA' Volunteers of Victory, the Movement of the First, u DOSAAF. Taħt id-direzzjoni tagħha, infetħu mill-inqas 36 klassi tal-kadetti fi skejjel distrettwali biex jippromwovu s-servizz fil-forzi armati u l-korpi tal-infurzar tal-liġi Russi. Hija ffaċilitat ukoll il-ħruġ ta' passaporti Russi liż-żgħażagħ lokali u appoġġat avvenimenti li jiċċelebraw l-annessjoni tal-Krimea. Għalhekk, Svetlana Dmitrova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2017.	Antonina Ivanovna SHEPCHENKO bir-Russu: Антонина Ивановна ШЕПЧЕНКО	Funzjoni: Direttur tal-Municipal Budgetary General Education Institution 'Gvardeyskaya School No. 1'('Hvardiyska School No. 1') of Simferopol District Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 910905074338	Antonina Shepchenko, Direttur tal-Municipal Budgetary General Education Institution 'Gvardeyskaya School No. 1' ('Hvardiyska School No. 1') tad-Distrett ta' Simferopol fil-Krimea okkupata, timplimenta b'mod attiv il-politiki tal-istat Russu mmirati lejn il-promozzjoni tal-identità Russa fost il-minorenni Ukreni u l-militarizzazzjoni tal-kurrikulu tal-iskola. Hija tippromwovi u timplimenta edukazzjoni militari-patrijottika maħsuba biex trawwem il-lealtà lejn il-Federazzjoni Russa, billi torganizza ripetutament avvenimenti li jiggloriikaw l-annessjoni tal-Krimea, l-armata Russa u s-suldati Russi, inkluż f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet patrijottiċi-militari. Shepchenko tappoġġa wkoll kontinwament l-involviment militari futur taż-żgħażagħ lokali billi għamelt l-iskola tagħha l-ewwel waħda fid-distrett ta' Simferopol li tintroduċi 'klassi tal-kadetti', klassi speċjalizzata li tikkombina l-edukazzjoni ġenerali ma' taħriġ militari-patrijottiku addizzjonali. Għalhekk, Antonina Shepchenko qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2018.	Tatyana Valentinovna KHOMENKO magħrufa wkoll bħala Tatyana Valentinovna KHAMENKO		Tatyana KHOMENKO hija kofundatriċi u azzjonista bi 33,3 % ta' LLC T.R.O. S. sanzjonata mill-Unjoni, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti, li timmanifattura tagħmir għax-xogħol tal-metall u għodod tal-magni bl-ingrossa. LLC T.R.O.S. tirreklama ċentri tal-magni b'kapaċitajiet ta' użu doppju u hija parti minn network ta' akkwist immirat biex jevita l-miżuri restrittivi għall-provvista ta' tagħmir u għodod tal-magni tax-xogħol tal-metall tal-Unjoni fir-Russja. LLC T.R.O.S. hija entità bbażata fir-Russja li tissodisfa kuntratti tal-Gvern Russu kif ukoll kuntratti ma' entitajiet li joperaw fis-settur tad-difiża Russu (li jipproduċu armi u munizzjon) u hija elenkata mill-Unjoni skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Għalhekk, fir-rwol tagħha bħala kofundatriċi u azzjonista bi 33,3 % ta' LLC T.R.O. S. entità li hija involuta b'mod attiv fiċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, Tatyana KHOMENKO qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna u qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2019.	Alexey Alekseyevich STRELCHENKO bir-Russu: Алексей Алексеевич СТРЕЛЬЧЕНКО	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur Ġenerali ta' JSC Perspective Technologies Agency (UPT) Data tat-twelid: 10.8.1955 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 770803182739	Alexey Strelchenko huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur Ġenerali ta' JSC Perspective Technologies Agency (UPT), kumpanija tal-manifattura u tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tissodisfa kuntratti f'isem entitajiet fi ħdan il-gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-kumpanija hija manifattur ta' armi u munizzjon u hija wkoll kumpanija ewlenija fir-Russja fl-iżvilupp tat-teknoloġija tal-fibra ottika. Il-kumpanija u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tagħha, Alexey Strelchenko, kienu involuti direttament fil-produzzjoni tas-sistema ta' sorveljanza tas-sottosuperfiċe HARMONY tar-Russja, li ġiet stabbilita fil-Baħar ta' Barents fl-Artiku wara akkwist bil-moħbi ta' teknoloġiji u oġġetti tal-Istati Uniti u Ewropej biex tiġi ffaċilitata t-tlestija tal-proġett. Għalhekk, Alexey Strelchenko qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Qed jappoġġa materjalment ukoll lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026
2020.	Anna Nikolaevna ZALOGINA bir-Russu: Анна Николаевна ЗАЛОГИНА	Funzjoni: Fundatur u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Farmirus LLC Nazzjonalità: Russa Sess: mara Indirizz: Russian Federation, 123182, Moscow, municipal district Shchukino, Shchukinskaya st. 6-3 (Business address) INN: 312324772502	Anna Zalogina hija negozjanta Russa u si u CEO ta' Pharmirus LLC/Farmirus, kumpanija farmaċewtika Russa. F'April 2025, Pharmirus LLC kienet il-Benefiċjarju tad-Digriet Nru 213 maħruġ mill-President tal-Federazzjoni Russa, li skontu l-kumpanija Russa Nizhpharm, li dak iż-żmien kienet proprjetà tal-Lussemburgiża Nidda Lynx u sa Novembru 2023 proprjetà tal-kumpanija farmaċewtika Ġermaniża Stada AG, tqiegħdet taħt l-amministrazzjoni proviżorja ta' Pharmirus LLC. Bħala l-kap u l-fundatriċi ta' Pharmirus LLC, Anna Zalogina għalhekk ibbenefikat minn trasferiment obbligatorju ta' kontroll mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa permezz ta' liġijiet, regolamenti, strumenti leġiżlattivi oħra ta' entità li qabel kienet proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollata minnhom, mingħajr il-kunsens tal-entitajiet tal-Unjoni li qabel kienu proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2021.	Viktor Nikolayevitch ADROV	Funzjoni: Direttur Ġenerali u kofundatur ta' Rakurs Data tat-twelid: 6.3.1957 Sess: raġel	Viktor Adrov huwa Direttur Ġenerali u kofundatur ta' Rakurs JSC, kumpanija Russa tas-software u kuntrattur għall-Ministeru għad-Difiża Russu. Rakurs tipprovdi settijiet ta' data topografiċi u servizzi satellitari ulterjuri permezz tal-programm ta' software fotogrammetriku ta' Rakurs PHOTOMOD lill-Ministeru għad-Difiża Russu. PHOTOMOD hija s-sistema ewlenija ta' rilevament topografiku użata mid-Direttorat tat-Topografija Militari tal-Istat Maġġuri tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Billi jappoġġa materjalment lill-Istat Maġġuri tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa permezz tal-forniment ta' data topografika u servizzi satellitari, Viktor Adrov bħala Maniġer Ġenerali ta' Rakurs JSC għalhekk qed jappoġġa politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità jew l-istabbiltà tal-Ukrajna, u jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk, Viktor Adrov qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali Russu.	23.4.2026
2022.	Mikhail Alekseevich SHMOILOV bir-Russu: Михаил Алексеевич ШМОЙЛОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Federal State Budgetary Institution OK 'Snegiri' Sess: raġel Nazzjonalità: Russa Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770800155825	Mikhail Shmoilov huwa d-Direttur Ġenerali tal-Federal State Budgetary Institution OK 'Snegiri', entità Russa li tmexxi ċentru tas-saħħa u l-benesseri fir-Reġjun ta' Moska u huwa proprjetà tal-Uffiċċju tal-President tal-Federazzjoni Russa. B'kooperazzjoni mal-Partit Komunista tal-Federazzjoni Russa, huwa jorganizza vjaġġi li matulhom tfal minn territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna jgħaddu minn edukazzjoni patrijottika u taħriġ militari Russi. Għalhekk, Mikhail Shmoilov qed jappoġġa u jimplimenta politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	23.4.2026";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“688.	Brightmile Ltd biċ-Ċiniż: 陽光電子科技有限公司 magħrufa wkoll bħala BRIGHTMILE LIMITED	Indirizz: Rm 1902, Easey Comm.Bldg., 253261 Hennessy Road,Wanchai,Hong Kong, People’s Republic of China Post tar-reġistrazzjoni: Wanchai, Hong Kong Data tar-reġistrazzjoni: 2002 Numru tar-Reġistrazzjoni: 73787237 (Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju ta’ Hong Kong); 3127263 (Numru CR ta’ Hong Kong) Post prinċipali tan-negozju: Hong Kong Special Administrative Region of the People’s Republic of China Tel: (+86) 852 8121-2633; 86-00852-82278479 Email: herea@brightmile-ltd.com Sit web: https://brightmile-ltd.com/	Brightmile Ltd hija kumpanija bbażata fiċ-Ċina, li tforni komponenti elettroniċi. Hija tforni għadd ta’ kumpaniji Russi inkluż LLC ‘ELSAP’ u JSC ‘Magneton’. LLC ‘ELSAP’ tforni komponenti elettroniċi għal sistemi tal-provvista tal-enerġija, tissorsja komponenti skarsi, u hija ċċertifikata għall-ħtiġijiet tal-istat federali kif ukoll għall-kooperazzjoni mal-kumpless militari u industrijali. JSC ‘Magneton’ hija intrapriża għad-difiża strateġika, marbuta mal-istat, li tipproduċi prodotti u materjali kritiċi għall-industriji militari, spazjali u tad-difiża tar-Russja. Il-prodotti tagħha huma essenzjali għas-sistemi tar-radar, tad-difiża kontra l-missili, tal-avjazzjoni, tal-flotta navali, u tal-ispazju, u b’hekk hija assi ewlenija għall-kumpless militari industrijali tar-Russja. L-impjant huwa d-detentur ta’ liċenzji għad-difiża u oħrajn tal-istat, il-klijenti tiegħu huma Roscosmos, Rosatom, u Rosneft. Għalhekk, Brightmile Ltd qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż bl-involviment tagħha fil-forniment ta’ teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
689.	EDM LLC-FZ magħrufa wkoll bħala EDM L.L. C-FZ magħrufa wkoll bħala EQUIPMENT DELIVERY MANAGEMENT	Indirizz: Business Center 1, M Floor, The Meydan Hotel, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates Data tar-reġistrazzjoni: 14.3.2022 Numru tar-Reġistrazzjoni: 2200911.01 Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates Tel: (+86) 852 8121-2633; 86-00852-82278479 Email: ceo@llc-edm.com Sit web: https://www.llc-edm.com/	EDM LLC-FZ, ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, tinnegozja f'tagħmir elettriku, elettroniku, mekkaniku, u analitiku għal laboratorji tar-riċerka, kif ukoll makkinarju għodda, linji ta' produzzjoni, prodott kimiċi u bijokimiċi, u għamara tal-laboratorju. Il-kumpanija takkwista tagħmir minn manifatturi ewlenin mid-dinja kollha, inkluż l-Unjoni. EDM LLC-FZ tforni lill-kumpanija Russa LLC Business Management. EDM LLC-FZ ġiet fornuta b'oġġetti manifatturati fil-Ġermanja, inkluż oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3810.90, 8413.50, 8414.10, 8419.40, 9025.90 u oġġetti prodotti fin-Netherlands li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9027.89. L-Artikolu 3k tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jipprojbixxi l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt dawn il-kodiċijiet. LLC Business Management tmanti tagħmir ta' teknoloġija avvanzata u tforni dak it-tagħmir bejn pajjiżi żviluppati u l-Federazzjoni Russa u l-pajjiżi EAEU, u tieħu ħsieb il-konsenja u l-iżdoganar tal-merkanzija. Għalhekk, EDM LLC-FZ qed tfixkel b'mod sinifikanti l-projbizzjoni tal-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għal titjib fil-kapaċitajiet industrijali tar-Russja, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, kif elenkati fl-Anness XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
690.	SCT Chemicals FZE magħrufa wkoll bħala SCT CHEMICALS TRADING FZE	Indirizz: S1500, Jebel Ali Freezone, Dubai, United Arab Emirates; Jebel Ali Free Zone South, Dubai, Jebel Ali 61354, AE, United Arab Emirates Tip ta' entità: Stabbiliment f'Żona Ħielsa Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates Data tar-reġistrazzjoni: 1994 Numru tar-Reġistrazzjoni: 004181508-0405 Identifikatur Intern Cedar Rose: AEC221966655 Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates Tel: +971 4 813 7200 Email: info@sctchemicals.ae Sit web: https://sctchemicals.ae/	SCT Chemicals FZE hija kumpanija bbażata fl-Emirati Għarab Magħquda li tesporta mad-dinja kollha. SCT Chemicals FZE forniet ukoll lir-Russja bil-prodotti tagħha, bl-aktar vjeġġ reċenti tagħha rreġistrat fl-2024. Il-kumpanija tipproduċi żjut tal-magni. SCT Chemicals FZE tipproduċi pakkett ta' addittivi mfassal speċifikament għall-formulazzjoni taż-żjut monogradi li jintużaw fil-magni diżil prodotti mill-impjant Russu Kolomensky, elenkat mill-Unjoni bħala parti mill-industrija militari tar-Russja. Kolomensky iforni magni diżil għal bastimenti militari Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, SCT Chemicals FZE qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali Russu.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
691.	Turboshaft FZE bl-Għarbi: توربو شافت م.م.ح magħrufa wkoll bħala Black Metal FZE magħrufa wkoll bħala بلاك ميتال)م م ح(	Indirizz: Warehouse Q3-117, SAIF Zone, Sharjah, PO BOX 9732, United Arab Emirates Tip ta' entità: Stabbiliment f'Żona Ħielsa Post tar-reġistrazzjoni: Sharjah, United Arab Emirates Data tar-reġistrazzjoni: 2011 Identifikatur Intern Cedar Rose: AEC0006867 ID Uniku Acuris: C1843799 Identifikatur Uniku tal-Entità (SAM): YCVHSDFHDUA5 Numru tar-Reġistru Ekonomiku (CBLS): 11967354 Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates Tel: +1 888 222 9553 Email: qa@turboshaft.ae; aog@turboshaft.ae Sit web: http://turboshaft.net/index.html	Turboshaft FZE, magħrufa wkoll bħala Black Metal FZE, hija kumpanija bbażata fl-UAE, involuta fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' spare parts għall-inġenji tal-ajru kummerċjali. Il-kumpanija hija ġestita minn Timur Badr. Turboshaft FZE tforni materjali relatati mal-avjazzjoni lill-kumpaniji Russi S7 ENGINEERING LLC, AO AK NORDSTAR, S7 (Siberia) Airlines. S7 Engineering hija parti mill-S7 Group u tagħmel manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru magħmula lokalment kif ukoll barra l-pajjiż. Turboshaft FZE forniet, b'valur ta' USD 2,1 miljun, l-istrumentazzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' grad militari magħmula fiċ-Ċekja lit-275th Aviation Repair Plant, faċilità ewlenija tal-United Aircraft Corporation ta' Rostec li tispeċjalizza fit-tiġdid u l-immodernizzar ta' inġenji tal-ajru tal-ġlied, kif ukoll ta' sistemi u armi oħra tal-avjazzjoni militari. Il-vjeġġi ġew organizzati permezz ta' Rosoboronexport, l-importatur u esportatur tal-armi tal-istat tar-Russja. Għalhekk, Turboshaft FZE qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali Russu.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
692.	Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. biċ-Ċiniż: 扬州扬杰电子科技股份有限公司 magħrufa wkoll bħala Yangzhou Yangjie Electronic Co., Ltd. magħrufa wkoll bħala Yangjie Technology Co., Ltd.	Indirizz: No.68, Heye West Road, Hanjiang District Yangzhou, Jiangsu, 225008 People's Republic of China Post tar-reġistrazzjoni: Yangzhou, People's Republic of China Data tar-reġistrazzjoni: 1.1.2000 Kodiċi ta' Kreditu Soċjali Unifikat taċ-Ċina: 9132100079089063 37 ID tal-emittent globali tal-EDI: 160823 Identifikatur tal-Entità Ġuridika: 6556009FCJ7O8QPFTC19 Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija taċ-Ċina: 321000400012591 Post prinċipali tan-negozju: People's Republic of China Tel: 400 106 0780 Fax: (0514) 87943666 Email: yangjie@21yangjie.com Sit web: https://www.21yangjie.com/	Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. hija manifattur Ċiniż ewlieni tal-IDM li jispeċjalizza f'apparati semikondutturi li jintużaw f'diversi industriji, inkluż dik awtomotiva, tal-enerġija ġdida u tal-elettronika għall-konsumatur. L-attivitajiet ta' Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. jinkludu ċipep militari, l-ajruspazju u d-difiża, l-elettronika militari. Yangzhou Yangjie Electronic Technology Company Limited bagħtet aktar minn 200 vjeġġ ta' teknoloġija b'użu doppju lir-Russja minn meta bdiet l-invażjoni tal-Ukrajna 'l hawn, u b'hekk għenet b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet militari tagħha. Il-prodotti tal-kumpanija nstabu fid-droni u l-munizzjon użati mit-truppi Russi fl-Ukrajna. Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. forniet teknoloġiji kruċjali li jsaħħu l-kapaċitajiet militari tar-Russja lil diversi kumpaniji Russi, inkluż JSC Kompel, li hija elenkata mill-Unjoni bħala parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. forniet komponenti elettroniċi lill-kumpanija Russa MT SYSTEMS LLC. MT SYSTEMS hija fornitur ewlieni lill-industriji, inkluż l-inġinerija mekkanika, il-komunikazzjonijiet, u l-elettronika awtomotiva, u tappoġġa s-settur tad-difiża u s-sigurtà Russu. Għalhekk, Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. hija responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għalhekk, Yangzhou Yangjie Electronic Technology Co., Ltd. qed tappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż bl-involviment tagħha fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
693.	ETS Solutions (China) Ltd.	Indirizz: No. 66 Tong Dun Road, Attn: Elva Hou Suzhou Cn, People's Republic of China Post tar-reġistrazzjoni: People's Republic of China Data tar-reġistrazzjoni: 2003	ETS Solutions (China) Ltd. tipprovdi tagħmir avvanzat għall-ittestjar tal-vibrazzjoni li jintuża f'diversi industriji. Is-sistemi tagħha huma mfassla biex jissodisfaw standards internazzjonali, inkluż speċifikazzjonijiet ta' grad militari bħall-MIL-STD-810G. ETS Solutions (China) Ltd. tbigħ il-prodotti tagħha lil SCI DIPAUL, entita' elenkata mill-UE peress li hija parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Għalhekk, ETS Solutions (China) Ltd. qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi tforni teknoloġiji u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
694.	Moscow Institute of Physics and Technology bir-Russu: Московский физико-технический институт (государственный университет) magħruf ukoll bħala MIPT, PHYSTECH magħruf ukoll bħala Федеральное Государственное Автономное Образовательное Учреждение Высшего Образования 'Московский Физико-Технический Институт (Национальный Исследовательский Университет)' magħruf ukoll bħala МФТИ magħruf ukoll bħala ФИЗТЕХ	Indirizz: 141701, Moscow Region, Dolgoprudny, Institutsky Lane, 9, Russian Federation; 117303, Moscow, Kerchenskaya Street, 1 A, bldg. 1, Russian Federation Tip ta' entità: Istituzzjoni Federali tal-Istat tal-Edukazzjoni Vokazzjonali Għolja Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1946; 15.10.2002 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1027739386135 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5008006211 KRP: 772701001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://mipt.ru Tel: +7 (495) 408-45-54; +7 (495) 408-42-54 Email: info@mipt.ru	Il-Moscow Institute of Physics and Technology (MIPT) huwa wieħed mill-istituzzjonijiet Russi li jħarrġu professjonisti għall-kumpless militari u industrijali tar-Russja. L-istitut nieda programmi dedikati fit-teknoloġiji tad-droni u jwettaq riċerka dwar id-droni ffinanzjata mill-istat. L-MIPT għandu ċentru għat-taħriġ militari li l-fokus tiegħu huwa t-taħriġ fl-ispeċjalitajiet stabbiliti għall-MIPT, li jikkorrispondu għall-oqsma ta' taħriġ ċivili ewlenin tal-istitut. MIPT għandu diversi sħab li jimmanifatturaw id-droni, inkluż l-'Almaz-Antey', l-uffiċċju tad-disinn 'Kronstadt' u l-'Geoscan'. Għalhekk, l-MIPT jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
695.	Moran Security Group Ltd	Indirizz: 35, Barrack Road, Third Floor, Belize City, Belize; C/O Asterra International Management Ltd 1885 Driftwood Bay, Suite 101 Belize City, Belize; 52 Sokolnichesky Val Street, Moscow, Russian Federation; Novinskiy Bulvar 31, 123242, Moscow, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation; Belize Data tar-reġistrazzjoni: 18.1.2011 OGRN: 1117746019863 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7718833185 KRP: 771801001 Numru tal-kumpanija oriġinali ta' Belize: 82305 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation; Belize	Moran Security Group Ltd, irreġistrata kemm f'Belize kif ukoll fil-Federazzjoni Russa, hija kumpanija privata tas-sigurtà marittima li timpjega eks persunal militari Russu b'livell għoli ta' taħriġ. Bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Moska, il-kumpanija tispeċjalizza fil-protezzjoni ta' bastimenti tal-merkanzija – fil-biċċa l-kbira tankers taż-żejt mill-piraterija. Il-kumpanija tmexxi ċentru tat-taħriġ f'San Pietruburgu u topera bħala kuntrattur militari privat semi-uffiċjali marbut mal-interessi tal-gvern Russu, filwaqt li taqdi rwol ewlieni fl-attivitajiet militari privatizzati tar-Russja barra mill-pajjiż. Moran iżżomm rabtiet mill-qrib mal-istat Russu, filwaqt li taħdem b'kuntratti għal intrapriżi tal-istat u tikkoordina mal-Ministeru għad-Difiża. Moran ħadmet qabel ukoll mal-Flotta Navali Russa. Il-kumpanija pprovdiet sigurtà għal Sovcomflot (l-akbar kumpanija tat-tbaħħir tal-istat Russa, ċentrali għall-esportazzjonijiet taż-żejt u tal-gass), Unicom Management Services (sussidjarja ta' Sovcomflot li timmaniġġa t-tankers), Northgas (fil-biċċa l-kbira proprjetà ta' Gazprom li hija tal-istat, u kkontrollata minnha), u Sevmorneftegeofizika (sussidjarja tal-azjenda ġeoloġika Rosgeo li hija tal-istat). Dawn ir-rabtiet jirriflettu r-rwol ta' Moran fl-appoġġ tal-operazzjonijiet militarizzati tal-enerġija u l-loġistika barra mill-pajjiż. Moran Security Group Ltd taħdem ma' kumpaniji u organizzazzjonijiet, li huma kkontrollati, proprjetà ta', jew huma parti mill-istat Russu u l-gvern tiegħu, filwaqt li tipprovdi sigurtà għall-bastimenti li jġorru ż-żejt u l-LNG/LPG Russu. Għalhekk, Moran Security Group Ltd b'hekk tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
696.	Joint-Stock Company ‘Promsintez’ bir-Russu: Акционерное общество ‘Промсинтез’	Indirizz: Russian Federation, 446100, Samara region, Chapaevsk, Kuibysheva st., 1 Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.11.2002 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1026303178428 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6335007320 KRP: 633001001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://promsintez.su Tel: +7 (84639) 2-11-55 Email: info@psintez.su	JSC ‘Promsintez’ hija intrapriża tal-kumpless militari u industrijali tal-Federazzjoni Russa involuta fil-produzzjoni ta’ splussivi. L-impjant JSC ‘Promsintez’ jipproduċi firxa wiesgħa ta’ splussivi, inkluż TNT, li huwa użat direttament fil-produzzjoni ta’ munizzjon. Għalhekk, JSC ‘Promsintez’ tagħmel ukoll parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Barra minn hekk, JSC ‘Promsintez’ ħadet il-kontroll ta’ ‘High-Tech Initiation Systems’ JSC (‘V.S.I.’ JSC), li fiha l-entità tal-UE Maxam kienet azzjonista. Wara li qorti Russa ffriżat dawk l-ishma, JSC ‘Promsintez’ kienet qed teżerċita b’mod sħiħ d-drittijiet tagħha bħala azzjonista u bidlet il-maniġment ta’ V.S.I. Dan ġie kkonfermat minn qorti Russa, li s-sejbiet tagħha ġew ikkonfermati fuq appell. Għalhekk, JSC ‘Promsintez’ tibbenefika mit-trasferiment obbligatorju tal-kontroll ta’ entitajiet stabbiliti fir-Russja, li qabel kien il-proprjetà ta’ entitajiet stabbiliti fl-UE jew ikkontrollati minnhom.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
697.	Limited Liability Company SKB Stankostroenie magħrufa wkoll bħala LLC SKB Stankostroenie bir-Russu: Общество С Ограниченной Ответственностью СКБ ‘Станкостроение’ magħrufa wkoll bħala ООО СКБ ‘Станкостроение’	Indirizz: 453130, Republic of Bashkortostan, Sterlitamak, Gogol St., 124. Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 28.8.2012 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1120268002249 KRP: 026801001 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa Russu - 0268061215	LLC SKB STANKOSTROENIE tipproduċi tagħmir għax-xogħol tal-metall, inkluż tornijiet CNC u magni tat-tħin, ċentri multifunzjonali għall-immaxinjar (bħal 400V, għodod għax-xogħol tal-metall u l-qtugħ. L-entità tbigħ il-prodotti tagħha lil diversi intrapriżi Russi, inkluż ODK-UMPO (PJSC UEC-UMPO) - il-produtturi ewlenin ta’ inġenji tal-ajru turbojet: familja tal-inġenji tal-ajru Su-27 (magna AL-31F), Su-30 (magni AL-31F u AL-31FP), Su-25 (R-95Sh u R-195), Su-35S (AL-41F-1S), Su-57 (AL-41F-1). Għalhekk, LLC SKB STANKOSTROENIE qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi tforni teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026
698.	Limited Liability Company ‘Sky Vortex’ bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью ‘СКАЙ ВОРТЕКС’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘Sky Vortex’ magħrufa wkoll bħala Sky Vortex magħrufa wkoll bħala ООО ‘СКАЙ ВОРТЕКС’	Indirizz: Moscow, Ugreshskaya st., 2, building 33 IQ-Park Business Center, office 401, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: 20.10.2014 Numru tar-Reġistrazzjoni: 5147746249624 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7721849386 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	LLC ‘Sky Vortex’, ibbażata fir-Russja, hija distributur ta’ firxa wiesgħa ta’ materjali ċertifikati minn manifatturi barranin għat-tiswija u l-manutenzjoni ta’ inġenji tal-ajru barranin. Il-portafoll tal-klijenti tagħha jinkludi organizzazzjonijiet tal-avjazzjoni u tal-ajruspazju ewlenin bħat-trasportatur nazzjonali tar-Russja Aeroflot, Aeroflot Technics, S7 Airlines, Russian Helicopters, Composite-Products Company li tipproduċi materjali u reżini awżiljarji, u A-Technics. Russian Helicopters, part minn Rostec li hija tal-istat, hija l-uniku manifattur tal-helikopters tar-Russja u mexxej dinji tal-industrija. Hija tipproduċi mudelli militari bħall-Mi-26T, Ka-52, u l-Mi-28. Għalhekk, LLC ‘Sky Vortex’ qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż bl-involviment tagħha fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta’ teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
699.	LLP ‘United Trading Group’ bil-Każakistani: ‘United Trading Group”Жауапкершілігі Шектеулі Серікгестігі’ magħrufa wkoll bħala LLP ‘United Trade Group’	Indirizz: 050059, Almaty, Medeu District, Taimanov street, house 136, apt. 86, 050059, Kazakhstan Tip ta’ entità: Soċjetà b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Kazakhstan Data tar-reġistrazzjoni: 17.3.2022 Numru tar-Reġistrazzjoni: 220340023728; VAT: 60001-1229370 Post prinċipali tan-negozju: Kazakhstan Tel: +7(701)999-42-60	LLP ‘United Trading Group’ hija kumpanija bbażata f’Każakistan. Il-fundatur u d-direttur tagħha, Alimzhan Bekov, huwa rappreżentant ta’ UrSeCo Handels GmbH & Co. KG. Il-kumpanija Ġermaniża UrSeCo Handels GmbH & Co. KG, qed tforni klorur tal-idroġenu (HCl) ta’ purità għolja prodott minn Wacker Chemie AG – sustanza kimika kritika għall-ipproċessar ta’ wafers semikondutturi – lil LLP ‘United Trading Group’. ‘United Trading Group’ imbagħad qed tforni HCl lill-kumpaniji Russi LLC ‘Siltron’ u Electronsnab. Il-katina ta’ provvista tgħaddi mill-Polonja, it-Turkija u l-Każakistan. LLC ‘Siltron’ hija konnessa direttament ma’ UrSeCo Handels billi wieħed mis-sħab fi UrSeCo huwa missier l-azzjonist maġġoritarju ta’ LLC ‘Siltron’. B’konformità mar-Regolament (UE) Nru 833/2014, huwa pprojbit għal operaturi tal-Unjoni li jesportaw HCl lil entità fir-Russja. Għalhekk, LLP ‘United Trading Group’ qed tiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 u tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
700.	Limited Liability Company 10th Bearing Plant bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью ‘Десятый Подшипниковый Завод’ magħrufa wkoll bħala 10-GPZ LLC magħrufa wkoll bħala JSC Tenth Bearing Plant magħrufa wkoll bħala ООО ‘10-ГПЗ’	Indirizz: 344091, Rostov Region, Rostov-on-Don, Peskova Street, Building 1, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 28.4.2020 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1206100017331 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6168111569 KRP: 616801001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel: +7 (863) 301-55-10 Sit web: www.10-gpz.ru Posta elettronika: 10-gpz@10-gpz.ru	Limited Liability Company ‘10th Bearing Plant’ tispeċjalizza fil-produzzjoni ta’ bearings għat-trucks, għall-karozzi u għall-vetturi speċjali, inkluż għall-ħtiġijiet tal-impriżi tal-industrija militari tal-Federazzjoni Russa. Il-kumpanija tforni l-bearings tagħha lill-kumpaniji tal-industrija militari tar-Russja, fosthom KAMAZ u UralAZ. Għalhekk, LLC ‘10th Bearing Plant’ qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
701.	JSC Technodron bir-Russu: АО ‘Технодрон’	Indirizz: 121099, Moscow, in. territory of Moscow, municipal district Arbat, Novy Arbat str. 30/9, premises. 2H, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 3.5.2024 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1247700354175 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9704241986 KRP: 770401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC ‘Technodron’ tiżviluppa u timmanifattura droni b’pilotaġġ immersiv (FPV) mill-familja ta’ Skvorec (magħrufa wkoll bħala Skvorets, Starling). Bl-appoġġ taċ-Ċentru għas-Sistemi u Teknoloġiji Mingħajr Bdot Abbord, dan il-prodott huwa żviluppat kontinwament sabiex ikabbar il-firxa tal-kompiti li jwettaq. Id-droni Skvorec-7, Skvorec-10, Skvorec-Z u Skvorec-PRO ilhom jintużaw mill-forzi Russi sa mill-2024 fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fuq ordni tal-Flotta Navali Russa, il-kumpanija żviluppat ‘Starling of the Navy’ (Skvorec Navy) għal kompiti relatati ma’ żoni idriċi. Għalhekk, JSC ‘Technodron’ qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
702.	Limited Liability Company ‘Archangel Center’ magħrufa wkoll bħala Общество с ограниченной ответственностью ‘Архангел-Центр’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘Archangel Center’ magħrufa wkoll bħala Archangel Military Tactical Center magħrufa wkoll bħala Archangel Combat and Special Training Center; magħrufa wkoll bħala ООО ‘Архангел-Центр’	Indirizz: Russian Federation, 143003, Moscow Region, Odintsovo Urban District, Odintsovo, Marshal Zhukova Street, Building 32, Office 1, Office 502-510 Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Data tar-reġistrazzjoni: 17.5.2024 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1245000058489 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5032379630 KRP: 503201001 Sit web: https://archangel.center/; https://archangel-center.ru/ Posta elettronika: archangel.center@yandex.ru Tel.: +7 901 183 39 08; +7 988 577 14 12	Archangel Center hija organizzazzjoni Russa għat-taħriġ militari li tipprovdi firxa wiesgħa ta’ programmi tattiċi u ta’ tħejjija għall-ġlied għall-persunal militari. Toffri korsijiet ta’ taħriġ militari ġenerali, taħriġ tattiku, tagħlim għas-snipers, tħaddim ta’ UAVs, difiża personali, ġlied bis-skieken, armi tal-artillerija, u rikonjizzjoni. Archangel għandha rabtiet mill-qrib mal-kumpless militari u industrijali tar-Russja u mal-isforz tal-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna, u ġiet irringrazzjata formalment minn unitajiet tal-Gwardja Nazzjonali u tal-Forzi Armati Russi talli ħarrġet lill-persunal skjerat fil-ġlied. Archangel ħarrġet lis-suldati u l-unitajiet paramilitari Russi f’operazzjonijiet tal-artillerija u r-rikonjizzjoni sabiex iwettqu kompiti fiż- żona ta’ kumbatt fl-Ukrajna. Iċ-ċentru jirriklama skonti għal dawk li jieħdu sehem fil-ġlied fl-Ukrajna u jikkollabora mal-istrutturi tas-sigurtà tal-istat. Għalhekk, LLC ‘Archangel Center’ qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
703.	Limited Liability Company ‘Atlant Aero’ bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью ‘АТЛАНТ АЭРО’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘ATLANT AERO’ magħrufa wkoll bħala ООО ‘АТЛАНТ АЭРО’	Indirizz: Rostov region, Taganrog, Instrumentalnaya street, building. 2-7, p. 1, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 21.9.2023 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1236100025633 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6154165878 KRP: 615401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	LLC ‘Atlant Aero’ hija manifattur ajruspazjali Russu. Il-kumpanija hija magħrufa għall-iżvilupp tad-droni first-person view (FPV) ‘Orion’, ‘Lightning-1’ u ‘Lightning-1 II’ (Molniya), li huma ggwidati manwalment għal attakki ta’ preċiżjoni. LLC ‘Atlant Aero’ tikkontribbwixxi għall-produzzjoni ta’ komponenti għad-droni tal-ġlied avvanzat ‘Orion’ u hija involuta fil-ħolqien ta’ sistemi tal-gwerra elettroniċi u sistemi integrati diġitali għad-droni kamikaża. Il-kumpanija tforni lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja b’teknoloġiji ewlenin użati fl-operazzjonijiet tal-ġlied, u b’hekk tappoġġa direttament l-isforzi tal-pajjiż għall-gwerra fl-Ukrajna. Id-droni kamikaża tal-ġlied/b’pilotaġġ immersiv tagħha combat/FPV tat-tip Orion u Lightning jiġu skjerati fil-kamp tal-battalja għal missjonijiet kemm ta’ rikonjizzjoni kif ukoll ta’ attakk, fosthom attakki fuq Kharkiv. Id-droni huma apprezzati għall-kapaċitajiet distruttivi tagħhom, fosthom il-ġarr ta’ mini kontra t-tankijiet tal-gwerra jew testati żgħar. Għalhekk, LLC ‘Atlant Aero’ qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta’ teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/509/oj

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
704.	Limited Liability Company ‘Gaskar Group’ bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью ‘Таскар Групп’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘Gaskar Group’ magħrufa wkoll bħala LLC Gaskar Group of the Skolkovo Innovation Center magħrufa wkoll bħala Gaskar Group of Companies magħrufa wkoll bħala ООО ‘Таскар Групп’ magħrufa wkoll bħala ООО ‘Таскар Групп’ Инновационного Центра Сколково magħrufa wkoll bħala ГК ‘ТАСКАР’	Indirizz: 121205, Moscow, internal territory of Mozhaysky municipal district, Skolkovo Innovation Center Territory, Nobelya Street, 7, Floor 4, Room/Workplace 15/6, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 7.8.2020 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1207700279797 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 7.8.2020 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1207700279797 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7734436058 KRP: 773101001	LLC ‘Gaskar Group’ hija kumpanija Russa li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs), elementi elettroniċi, u software. Il-prodotti tagħha jinkludu d-droni ta’ rikonjizzjoni Sibiryachok u Siberia-1, skjerati b’mod mifrux fil-kuntest militari. Il-kumpanija tibbenefika minn rabtiet mal-gvern Russu, u tirċievi inċentivi, bħal ħelsien mit-taxxa u benefiċċji doganali. L-inizzjattivi ta’ taħriġ dwar l-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) tal-Gaskar Group huma integrated fil-proġett nazzjonali dwar is-Sistema tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord, approvat mill-gvern Russu u appoġġat mill-President Vladimir Putin. Il-kumpanija kisbet kuntratti ta’ akkwist pubbliċi kbar. B’kumpens għal dan, Gaskar tikkontribbwixxi għall-għanijiet tal-modernizzazzjoni mmexxija mill-istat billi tipproduċi teknoloġija UAV, u tħarreġ il-forza tax-xogħol. L-attivitajiet tal-kumpanija jestendu għall-kumpless militari u industrijali tar-Russja, bid-droni tat-tip Siberia-1 u Sibiryachok jiġu skjerati fl-Ukrajna. Dawn il-UAVs iwettqu rikonjizzjoni, jestendu l-komunikazzjoni fil-kamp tal-battalja, u huma ta’ appoġġ għall-koordinazzjoni tal-artillerija, filwaqt li xi mudelli minnhom ġew adattati għall-missjonijiet ta’ attakk. Gaskar forniet kwantitajiet kbar ta’ droni lill-Ministeru għad-Difiża tar-Russja, filwaqt li kisbet kuntratti għad-difiża statali li jħallu ħafna qligħ. L-ispeċjalisti tagħha jħarrġu lill-operaturi militari. Gaskar stabbiliet ruħha bħala faċilitatur strateġiku ewlieni tal-iskjerament militari ta’ UAVs. Għalhekk, LLC ‘Gaskar Group’ qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta’ teknoloġija u tagħmir militari. Barra minn hekk, LLC ‘Gaskar Group’ qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
705.	Limited Liability Company ‘Vremya-Ch’ bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью ‘Время Ч’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘Vremya-Ch’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘Vremya-Ch Military Training Center’ magħrufa wkoll bħala ‘Vremya-Ch’ Training Center bir-Russu: ООО ‘ВРЕМЯ Ч’ magħrufa wkoll bħala Центр военной подготовки Время-Ч magħrufa wkoll bħala Учебный центр ‘Время -Ч’	Indirizz: 115230, Moscow, Nagatino-Sadovniki Municipal District, Khlebozavodsky passage, 7, building 9, floor 5, room /office XXII/8/44, Russian Federation Indirizz: Moscow, Leningradsky Prospekt, 26, building 1, Russian Federation, Indirizz: Moscow, Kashirskoye Highway, 12, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 12.7.2021 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1217700326700 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9724053282 KRP: 772401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://time-che.ru/ Posta elettronika: info@time-che.ru Tel: 8 (800) 101-33-32; 8 (499) 957-85-45	Vremya-Ch hija ċentru ta’ taħriġ militari f’Moska li jipprovidi programmi edukazzjoni u ta’ theijija fi stil militari għall-persunal militari u tal-infurzar tal-liġi. Il-korsijiet li toffri Vremya-Ch ikopru t-tħaddim ta’ inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV) s, il-komunikazzjoni militari permezz tar-radju, u l-ħiliet tas-soppravivenza. Vremya-Ch għandha rabtiet mal-kumpless militari u industrijali tar-Russja u taqdi rwol dirett fil-gwerra tal-pajjiż kontra l-Ukrajna. Iċ-ċentru ġie rikonoxxut mill-Ministeru għad-Difiża Russu, u unitajiet militari individwali, għall-kontribut fit-taħriġ militari fil-kuntest tal-hekk msejħa ‘operazzjoni militari speċjali’. Il-korsijiet offruti minnu jħejju lis-suldati għall-ġlied, inkluż għat-tħaddim tal-(UAVs), il-komunikazzjoni fil-kamp tal-battalja, u l-evitar tal-mini. Iċ-ċentru jorganizza wkoll appoġġ materjali u loġistiku għall-appoġġ lill-forzi Russi, iforni UAVs, elementi elettroniċi u ottiċi lill-unitajiet fuq l-ewwel linja, u jopera fir-Russja kollha u fit-territorji kollha tal-Ukrajna li jinsabu okkupati mir-Russja. Għalhekk, LLC ‘Vremya-Ch’ qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
